



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi*

---

**2013/0110(COD)**

28.11.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċertu kumpaniji u gruppi kbar

(COM(2013)0207 – C7-0103/2013 - 2013/0110(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Mojca Kleva Kekuš

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta għal Direttiva tistabbilixxi fuq quddiem nett l-importanza tar-rappurtar tal-kumpaniji dwar l-informazzjoni mhux finanzjarja. Id-Direttiva tiffoka fuq l-informazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali, soċjali u dawk relatati mal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-antikorruzzjoni u t-tixħim. Madankollu, ir-rapporteur temmen li huwa ta' l-importanza kbira li tiddaħħal ukoll il-perspettiva tal-ġeneri. Taħlita bilanċjata tal-elementi meħtieġa se tagħmilha possibbli li l-azzjonisti jiġu provduti b'informazzjoni mhux finanzjarja annwali li tkun kruċjali għall-prestazzjoni tal-kumpaniji.

Barra minn hekk, ir-rapporteur hija tal-fehma li d-Direttiva għandha tiġi applikata għall-kumpaniji b'aktar minn 250 impjegat u jew total tal-karta tal-bilanċ ta' aktar minn EUR 20 miljun jew fatturat nett ta' aktar minn 40 miljun EUR sabiex din id-Direttiva jkollha l-effett meħtieġ. In-numri proposti ssemew qabel f'atti leġiżlattivi differenti tal-UE u ħafna drabi jintużaw biex issir distinzjoni bejn impriżi ta' daqs żgħir u medju u kumpaniji kbar. It-titjib tat-trasparenza, b'mod partikolari, għandu rwol importanti fil-funzjonament effettiv tas-suq uniku. Il-kapaċità li titqabbel b'mod iktar faċli l-informazzjoni dwar kif il-kumpaniji joperaw tista' tgħin lill-investituri u lill-azzjonisti jieħdu deċiżjonijiet aħjar.

L-iżvelar obbligatorju tal-politika ta' diversità, speċjalment il-politiki dwar id-diversità tal-ġeneri, essenzjalment taffettwa il-prestazzjoni tal-kumpaniji. Barra minn hekk, rappreżentanza ilanċjata ta' nisa u rġiel fuq il-bordijiet tal-kumpaniji hija ta' benefiċċju għall-kumpaniji peress li din tirrifletti karatteristiċi demografiċi tal-gruppi ewlenin tal-partijiet ikkonċernati, bħall-impjegati, il-konsumaturi u l-investituri.

Sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza reali bejn il-ġeneri, il-kumpaniji huma mħeġġa jagħmlu analiżi tal-forza tax-xogħol li għandha tinkludi t-tqassim tad-dejta skont it-tip ta' impjeg, il-kuntratt ta' impjeg u l-ġeneru. Il-ġabra tat-talenti, fejn 60 % tal-gradwati universitarji fl-Ewropa huma nisa, għandha tintuża b'mod aktar effiċjenti. Sabiex jintlaħqu l-oġettivi tad-diversità tal-ġeneru fil-kumpaniji u l-gruppi l-kbar, il-kumpaniji jeħtieġu jiżviluppaw politiki li jippermettu lin-nisa jibbilanċjaw il-ħajja tal-familja u dik professjonali. Barra minn hekk, il-kumpaniji għandhom jorganizzaw taħriġ, bini ta' kapaċitajiet u skambju tal-aħjar prassi, kif ukoll jistabbilixxu sistemi ta' networking u ta' mentoring.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji għall-kumpaniji li jiksru d-Direttiva kif ukoll jiżviluppaw politiki biex jimplimentaw id-Direttiva u jirrapportaw dwar ir-riżultati. Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea għandha toffri lill-Istati Membri gwida dwar l-aħjar prassi li żżomm post għall-informazzjoni mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

## EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva Premessa 6

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, il-kumpaniji għandhom ikunu obbligati jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

##### *Emenda*

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, il-kumpaniji għandhom ikunu obbligati jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, ***l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità, kwistjonijiet*** soċjali u kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

### Emenda 2

#### Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdida)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***(6a) Bil-għan li tiġi pprovduta trasparenza msaħħa, il-Kummissjoni għandha ddaħħal ir-rappurtar għal kull pajjiż għalih għall-kumpaniji transkonfinali fis-setturi kollha billi tesiġi d-divulgazzjoni ta' informazzjoni bħalma huma n-natura tal-attivitajiet tal-kumpanija u l-impatt tagħha fuq is-soċjetà, fejn tinsab***

*ġeografikament, il-fatturat tagħha, il-għadd ta' impjegati tagħha li jkunu jaħdmu fuq bażi ekwivalenti għal full-time, kif ukoll id-diversità tal-ġeneri, speċjalement id-diversità tal-ġeneri fil-pożizzjonijiet ta' kapijiet, bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd fost il-kumpaniji u l-investituri Ewropej.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 10a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(10a) Bil-għan li d-diversità tiġi meħjuna l-kumpaniji u n-negozji għandhom jiġu inkoraġġiti jagħtu spinta lir-rappreżentanza femminili fuq il-bordijiet u fil-maniġment bħala mezz biex tiżdied l-effikaċja tat-teħid tad-deċiżjonijiet bħala imperattiv tan-negozju u tal-ekonomija;*

*Il-kumpaniji u n-negozji għandhom jiġu inkoraġġiti joħlqu provvista ta' nisa lesti li jassumu pożizzjonijiet fuq il-bordijiet u pożizzjonijiet maniġerjali li tinkoraġġixxi, tappoġġja u tiżviluppa t-talent femminili fil-livelli kollha u matul il-karriera tagħhom kollha;*

*Ikun importanti għalhekk li jsiru sforzi kollaborattivi u kostruttivi mal-partijiet interessati kollha, bħalma huma dawk li jwettqu r-reklutaġġ, il-gruppi ta' ħidma u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi sabiex jiġu sfruttati l-ħiliet tan-nisa fin-negozju permezz ta' tibdil volontarju mmexxi min-negozju li jinkludi l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattika fl-UE, madwar l-UE u lil hinn mill-UE;*

*Il-kumpaniji għandhom jiġu inkoraġġiti jgħinu biex titqajjem kuxjenza, joffru skemi ta' mentoring u appoġġ ta'*

*networking għan-nisa impjegati dwar opportunitajiet ta' maniġment fi ħdan l-organizzazzjoni tagħhom, bil-għan li jisfruttaw il-parir u l-esperjenza tal-professionisti tan-negozju;*

#### Emenda 4

##### Proposta għal direttiva Premessa 11

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż *il-500*, u li jaqbżu jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR 40 miljun.

###### *Emenda*

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż *il-250*, u li jaqbżu jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR 40 miljun.

#### Emenda 5

##### Proposta għal direttiva Premessa 15

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Id-diversità tal-kompetenzi u l-fehmiet tal-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji ta' kumpaniji tiffaċilita fehim tajjeb tal-organizzazzjoni u l-kwistjonijiet tan-negozju. Tippermetti lil membri ta' dawn il-korpi biex jeżerċitaw sfida kostruttiva tad-deċiżjonijiet tal-maniġment u biex ikunu aktar miftuħa għal ideat innovattivi, li jindirizzaw is-similarità tal-fehmiet tal-membri, il-fenomeni "raġunar gregarju". Tikkontribwixxi

###### *Emenda*

(15) Id-diversità tal-kompetenzi u l-fehmiet tal-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji ta' kumpaniji, ***inkluża d-diversità tal-ġeneri***, tiffaċilita fehim tajjeb tal-organizzazzjoni u l-kwistjonijiet tan-negozju. ***Ġie rikonoxxut li d-diversità tal-ġeneri, speċjalment fil-pożizzjonijiet tal-ogħla livell, tikkontribwixxi għall-governanza korporattiva, il-kwalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-prestazzjoni tal-***

għalhekk għas-sorveljanza effettiva tal-immaniġġjar u l-governanza b'suċċess tal-kumpanija. Għalhekk, ikun importanti li tittiejeb it-trasparenza **rigward il-politika** tad-diversità li l-kumpaniji għandhom fis-seħħ. Din għandha tinforma lis-suq dwar prattiki ta' governanza korporattiva u għalhekk tpoġġi pressjoni indiretta fuq il-kumpaniji biex ikollhom bordijiet aktar diversifikati.

**kumpanija. Barra minn hekk, id-diversità tal-bordijiet tirrappreżenta benefiċċju għall-kumpaniji peress li l-kompożizzjoni tal-bord tirrifletti l-karatteristiċi demografiċi tal-gruppi ewlenin tal-partijiet interessati bħalma huma l-impjegati, il-klijenti u l-investituri. Barra minn hekk, din** tippermetti lil membri ta' dawn il-korpi biex jeżerċitaw sfida kostruttiva tad-deċiżjonijiet tal-maniġment u biex ikunu aktar miftuħa għal ideat innovattivi, li jindirizzaw is-similarità tal-fehmiet tal-membri, il-fenomeni "raġunar gregarju". Tikkontribwixxi għalhekk għas-sorveljanza effettiva tal-immaniġġjar u l-governanza b'suċċess tal-kumpanija. Għalhekk, ikun importanti li tittiejeb it-trasparenza **u li jiġu armonizzati l-kwistjonijiet relatati mal-politika** tad-diversità, **speċjalment id-diversità tal-ġeneri**, li l-kumpaniji għandhom fis-seħħ. Din għandha tinforma lis-suq dwar prattiki ta' governanza korporattiva u għalhekk tpoġġi pressjoni indiretta fuq il-kumpaniji biex ikollhom bordijiet aktar diversifikati.

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva Premessa 15a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(15a) Il-kumpaniji għandhom jadottaw politiki ta' diversità li jikkontribwixxu għall-bilanċ bejn il-ħajja privata u x-xogħol u jinkoraġġixxu l-mentoring, in-netwerking u taħriġ adegwat għall-pożizzjonijiet ta' ġestjoni.**

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Premessa 15a (ġdida)

*(15a) Il-kumpaniji għandhom jiżguraw li fl-operazzjonijiet kollha tagħhom il-kunsiderazzjonijiet tal-ġeneri jitqiesu fl-istess livell bħal kunsiderazzjonijiet oħra, jappoġġjaw l-iżvilupp tar-riżorsi umani, u jiggarrantixxu ambjent tax-xogħol sikur u b'saħħtu.*

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) L-obbligu ta' divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità **għal korpi** amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħhom fir-rigward **ta'** aspetti **bħalma huma l-età, is-sess, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali** għandhom japplikaw biss għal kumpaniji elenkati kbar. Għalhekk kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li jistgħu jiġu eżentati minn ċerti obbligi tal-kontabbiltà skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE ma għandhomx ikunu koperti minn dan l-obbligu. Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat fl-Artikolu 46a tad-Direttiva 78/660/KEE. Kumpaniji li ma għandhomx tali politika dwar id-diversità, ma għandhomx ikunu obbligati li jdaħħlu waħda fis-seħħ, iżda għandhom jispjegaw b'mod ċar għalfejn dan hu l-każ.

Emenda

(16) L-obbligu ta' divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità **għall-korpi** amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħhom fir-rigward **tal-ġeneru u** aspetti **oħra bħall-età, id-diversità ġeografika, id-diżabbiltà, l-isfond edukattiv u professjonali** għandhom japplikaw biss għal kumpaniji elenkati kbar **u impriżi pubbliċi elenkati**. Għalhekk kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li jistgħu jiġu eżentati minn ċerti obbligi tal-kontabbiltà skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE ma għandhomx ikunu koperti minn dan l-obbligu. Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat fl-Artikolu 46a tad-Direttiva 78/660/KEE. Kumpaniji li ma għandhomx tali politika dwar id-diversità, ma għandhomx ikunu obbligati li jdaħħlu waħda fis-seħħ, iżda għandhom jispjegaw b'mod ċar għalfejn dan hu l-każ.



## Emenda 9

### Proposta għal direttiva Premessa 16a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(16a) Fil-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2011–2020, li ġie adottat fis-7 ta' Marzu 2011, il-Kunsill irrikonoxxa li politiki tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma vitali għat-tkabbir ekonomiku, il-prosperità u l-kompetittività, irriafferma l-impenn tiegħu li jagħlaq id-distakk bejn il-ġeneri bil-ħsieb li jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, u ħeġġeġ azzjoni għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha u fl-oqsma kollha, sabiex isir użu sħiħ mit-talent kollu disponibbli. Dwar kwistjonijiet relatati mad-diversità tal-ġeneru, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom jikkumplementaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva futura dwar it-titjib tal-bilanċ tal-ġeneri fost id-diretturi mhux eżekuttivi tal-kumpaniji elenkati fil-boroż u miżuri relatati.*

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva Premessa 18

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, **inkluż** il-libertà li wieħed ikollu negozju, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata f'konformità ma' dawn id-drittijiet u prinċipji.

(18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, **inklużi n-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel**, il-libertà li wieħed ikollu negozju, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata f'konformità ma' dawn id-drittijiet u prinċipji.

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt a – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) Ir-rapport annwali għandu jinkludi **analisi ġusta** tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-kumpanija u tal-pożizzjoni tagħha, kif ukoll deskrizzjoni tar-riskji prinċipali u l-inċertezzi li **taffaċċja**.

*Emenda*

(a) Ir-rapport annwali għandu jinkludi **rieżami ġust** tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-kumpanija u tal-pożizzjoni tagħha, kif ukoll deskrizzjoni tar-riskji prinċipali u l-inċertezzi li **tiffaċċja, u deskrizzjoni tal-impatti tagħha mil-lat tal-ġeneri, soċjali, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem**.

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt iia (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(iia) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, manġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età, il-ġeneru, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni għala r-rappurtar fuq il-politika tad-diversità fil-manġment tal-kumpanija għandu japplika esklussivament għal kumpaniji li t-titoli tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat. Il-kumpaniji kbar kollha kif definiti f'dan l-artikolu għandhom jirrapportaw dwar il-politiki tagħhom tad-diversità. Għalhekk il-proposta tal-*

*Kummissjoni għall-emendar tal-Artikolu 46a għandha tiġi mċaqilqa għall-Artikolu 46(1), li jkopri wkoll il-kumpaniji kbar mhux elenkati.*

### **Emenda 13**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt iia (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(iia) deskrizzjoni tal-impatti tal-operazzjonijiet tagħha mil-lat tal-ġeneri, tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali u ambjentali, li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-kumpanija stess jew mir-relazzjonijiet tagħha ma' partijiet terzi;*

### **Emenda 14**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt iib (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(iib) id-dejta segregata skont il-ġeneri dwar il-paga medja fis-siegħa tal-impjegati tul il-perjodu tar-rappurtar;*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rappurtar mhux finanzjarju għandu jinkludi wkoll informazzjoni anonima li tkun rilevanti għad-distakk bejn il-pagi tal-ġeneri fi ħdan kumpanija. Dan se jitfa' dawl fuq il-prestazzjoni individwali tal-kumpaniji fit-tnaqqis tad-distakk wiesa' persistenti li hemm bejn il-pagi fl-UE.*

### **Emenda 15**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**

Direttiva 78/660/KEE  
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta tipprovdi **informazzjoni bħal din il-kumpanija, tista' sserraħ fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u**, jekk tagħmel hekk għandha tispeċifika fuq liema oqfsa **mxiet**.

*Emenda*

Meta **tkun qed** tipprovdi **din l-informazzjoni l-kumpanija għandha tistrieħ jew fuq qafas tal-UE jew fuq il-Prinċipji ta' Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-Impriżi u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OKŻE) għall-Intrapriżi Multinazzjonali**, u jekk tagħmel hekk, **il-kumpanija** għandha tispeċifika fuq liema oqfsa **qed tistrieħ**.

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**  
Direttiva 78/660/KEE  
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) Rigward il-limitu meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-kumpanija, l-analiżi għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negozju partikolari.

*Emenda*

(c) Rigward il-limitu meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-kumpanija, **kif ukoll kwistjonijiet ambjentali, soċjali u dawk relatati mad-drittijiet tal-bniedem, inkluż minn perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri**, l-analiżi għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negozju partikolari.

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a**  
Direttiva 78/660/KEE  
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

*(ca) Sabiex titjeb it-trasparenza fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq il-post tax-xogħol, il-kumpaniji jistgħu jipprovdu analiżi tal-forza tax-xogħol totali, inklużi l-pagi tal-impjegati, bi tqassim tad-dejta skont it-tip ta' impjieg, il-kuntratt ta' impjieg u l-ġeneru.*

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – punt 2 – sottopunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46a – paragrafu 1 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward **ta'** aspetti **bħalma huma l-età, is-sess**, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-risultati fil-perjodu tar-rappurtar. Jekk il-kumpanija ma għandhiex tali politika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ċara u mmotivata dwar għalfejn dan hu l-każ.

*Emenda*

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija **u tal-impriża pubblika elenkata** għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward **tal-ġeneru u** aspetti **oħra bħall-età**, id-diversità ġeografika, **id-diżabilità**, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-risultati fil-perjodu tar-rappurtar. **L-immonitorjar effettiv tal-opportunitajiet indaqs, l-antidiskriminazzjoni u d-diversità fuq il-post tax-xogħol huwa parti importanti mill-ġestjoni mtejba tal-kapital uman u tal-prattika tal-ugwaljanza.** Jekk il-kumpanija ma għandhiex tali politika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ċara u mmotivata dwar għalfejn dan hu l-każ.

## Emenda 19

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – punt 1 – sottopunt a

AD\1008751MT.doc

13/19

PE519.762v02-00

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Ir-rapport annwali konsolidat għandu jinkludi tal-anqas **analisi ġusta** tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negożju u tal-pożizzjoni tal-intrapriżi inkluża fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, flimkien mad-deskrizzjoni tar-riskji u l-inċertezzi prinċipali li **jaffaċċjaw**.

*Emenda*

1. Ir-rapport annwali konsolidat għandu jinkludi tal-anqas **rieżami ġust** tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negożju u tal-pożizzjoni tal-intrapriżi inkluża fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, flimkien mad-deskrizzjoni tar-riskji u l-inċertezzi prinċipali li **jiffaċċjaw, u deskrizzjoni tal-impatti tiegħu fuq il-ġeneri, u fuq is-soċjetà, l-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem**.

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – punt 1 – sottopunt a**

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – kliem introduttorju

*Test propost mill-Kummissjoni*

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' **500 impjegat** matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata **tal-anqas** ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali **u tal-impjegati**, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

*Emenda*

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' **250 impjegat** matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 il-miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata **tal-anqas** ma' kwistjonijiet ambjentali, **dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kwistjonijiet soċjali, kwistjonijiet dwar l-impjegati u kwistjonijiet dwar id-diversità**, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, **b'kunsiderazzjoni tal-katina sħiħa tal-provvista tal-kumpanija**, inklużi:

## *Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni ta' kumpanija kbira għandha tiġi interpretata skont id-definizzjoni eżistenti fir-raba' Direttiva tal-Kontabilità li skontha kumpanija hija kbira jekk l-għadd medju ta' impjegati tagħha jaqbeż il-250 tuħ, u li taqbeż jew total ta' EUR 17,5 il-miljun fil-karta tal-bilanċ jew inkella fatturat nett ta' EUR 35 miljun. Rapport dwar kwistjonijiet mhux finanzjarji u r-riskju relatat magħhom mhuwiex komplut mingħajr l-informazzjoni rilevanti relatata mal-katina tal-provvista kollha kemm hi.*

### **Emenda 21**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – punt 1 – sottopunt a**

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt iii

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

- (iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji.

#### *Emenda*

- (iii) ir-riskji ***għall-kumpanija u għas-soċjetà*** relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji.

### **Emenda 22**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – punt 1 – sottopunt a**

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt iia (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***(iia) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età, il-ġeneru, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar.***

## **Emenda 23**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – punt 1 – sottopunt a**

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt iiiia (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(iiiia) deskrizzjoni tal-impatti tal-operazzjonijiet tagħha mil-lat tal-ġeneri, tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali u ambjentali, li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-kumpanija stess jew mir-relazzjonijiet tagħha ma' partijiet terzi;***

## **Emenda 24**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – punt 1 – sottopunt a**

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt a – subparagrafu 1 – punt iiib (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(iiib) id-dejta segregata skont il-ġeneri dwar il-paga medja fis-siegħa tal-impjegati tul il-perjodu tar-rappurtar;***

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rappurtar mhux finanzjarju għandu jinkludi wkoll informazzjoni anonima li tkun rilevanti għad-distakk bejn il-pagi tal-ġeneri fi ħdan kumpanija. Dan se jitfa' dawl fuq il-prestazzjoni individwali tal-kumpaniji fit-tnaqqis tad-distakk wiesa' persistenti li hemm bejn il-pagi fl-UE.*

## **Emenda 25**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – punt 1 – sottopunt a**

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 6



*Test propost mill-Kummissjoni*

Rigward il-limitu meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-kumpanija, l-analiżi għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negozju partikolari.

*Emenda*

Rigward il-limitu meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-kumpanija, ***kif ukoll kwistjonijiet ambjentali, soċjali u dawk relatati mad-drittijiet tal-bniedem, inkluż minn perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, l-analiżi għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negozju partikolari.

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – punt 1 – sottopunt a**

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***6a. Sabiex titjeb it-trasparenza fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq il-post tax-xogħol, il-kumpaniji jistgħu jipprovdu analiżi tal-forza tax-xogħol totali, inklużi l-pagi tal-impjegati, bi tqassim tad-dejta skont it-tip ta' impjieg, il-kuntratt ta' impjieg u l-ġeneru.***

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-[...] <sup>15</sup>. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

***1. L-Istati Membri jiżguraw mezzi effettivi sabiex jimmonitorjaw u jinforzaw divulgazzjoni sħiħa u eżatta tal-informazzjoni mhux finanzjarja mill-kumpaniji f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.*** L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet

amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-...]¹⁵. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

---

¹⁵ Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

---

¹⁵ Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

## **Emenda 28**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### ***Artikolu 3a***

##### ***Linji gwida tal-Kummissjoni***

***Il-Kummissjoni tidentifika l-aħjar prassi u, fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, tiżviluppa linji gwida dwar l-aħjar prassi għar-rappurtar korporattiv flimkien mal-organizzazzjonijiet ċivili tas-soċjetà sabiex tassisti lill-kumpaniji fir-rappurtar tagħhom.***

## PROĊEDURA

|   |   |
|---|---|
| <b>Titolu</b>   | Id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti kumpaniji u gruppi kbar  |
| <b>Referenzi</b>  | COM(2013)0207 – C7-0103/2013 – 2013/0110(COD)   |
| <b>Kumitat responsabbli</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja           | JURI<br>21.5.2013   |
| <b>Opinjoni mogħtija minn</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja         | FEMM<br>21.5.2013   |
| <b>Rapporteur għal opinjoni</b><br>Data tal-ħatra                             | Mojca Kleva Kekuš<br>29.5.2013  |
| <b>Data tal-adozzjoni</b>   | 26.11.2013  |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>   | +: 14<br>–: 8<br>0: 7   |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>                                | Regina Bastos, Andrea Češková, Edite Estrela, Iratxe García Pérez, Zita Gurmai, Mikael Gustafsson, Mary Honeyball, Sophia in 't Veld, Silvana Koch-Mehrin, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Constance Le Grip, Astrid Lulling, Barbara Matera, Elisabeth Morin-Chartier, Angelika Niebler, Antonyia Parvanova, Marc Tarabella, Britta Thomsen, Marina Yannakoudakis, Anna Záborská, Inês Cristina Zuber |
| <b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>                           | Iñaki Irazabalbeitia Fernández, Kent Johansson, Nicole Kiil-Nielsen, Doris Pack, Zuzana Roithová  |
| <b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b> | Birgit Collin-Langen, Jill Evans, María Irigoyen Pérez  |